MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 43/2011

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri H B skond digriet tal-Qorti tal-20 ta' Gunju 2012**
**vs**
**C D u T R u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici pro et noe ippremettiet :

1. Illi fis-sitta (6) ta' Lulju, elfejn u tmienja (2008), twieldet HRB u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru ta' l-iskrizzjoni tnejn erbgha erbgha wiehed tas-sena elfejn u tmienja (2441/2008). (Dok A).
2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat TR fil-fatt il-minuri giet koncepita minn relazzjoni li l-esponenti kellha mal-intimat CD.

3. Illi fil-fatt l-intimati ghamlu testijiet tad-DNA sabiex jikkonfermaw u / jew jeskludu il-paternita' tal-minuri (Dok B u C).
4. Illi l-esponenti *pro et nomine* qed titlob ukoll li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri jkun hemm indikat bhala missier naturali taghha l-intimat Marlon Grech iben LD u N xebba M imwieled Attard.

Talbet li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a. tiddikjara li l-intimat TR m'huwiex il-missier naturali tal-minuri HRB, illum HB (Ara Dok D), li twieldet fis-sitta (6) ta' Lulju, elfejn u tmienja (2008);

b. tiddeciedi u tiddikjara li l-intimat CD huwa l-missier naturali tal-minuri HRB, illum HB, li twieldet fis-sitta (6) ta' Lulju, elfejn u tmienja (2008);

c. tordna l-korrezzjoni tac-Certifikat tat-Twelid tal-minuri Alissa, Att Numru 2441/2008 billi fil-kolonni fejn hemm inikat il-konnattati relattivi ghal missier il-minuri tikkancella d-dettalji tal-intimat TR u tissostitwiehom bid-dttalji tal-intimat CD.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha AB ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri HB skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri HB, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew

iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għall-premess f’każ li tintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet attriċi l-esponenti jinvita lill-intimat CD sabiex permezz ta’ nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri HB, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta’ residenza tiegħu meta twieled l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla HB. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita HB;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b’mod definittiv liema kunjom għanda tassumi l-minuri HB a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici fejn qieghda tikkontendi li ghalkemm il-minuri HTB giet rikonoxxuta mill-intimat TR u ghalhekk, gie mnizzel fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri li hija l-wild naturali tieghu, fil-fatt, l-istess minuri hija l-wild naturali tal-intimat l-iehor CD u ghalhekk l-attrici talbet lill-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jibda jirrispekkja l-verita' tal-identita' tal-missier naturali taghha.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-Qorti tirrileva li quddiemha ghandha zewg verzjonijiet differenti dwar jekk l-attrici kienitx qalet lill-intimat TR bil-possibilita' li l-minuri setghet ma kienitx tieghu. Dan ghaliex, filwaqt li z-zewg verzjonijiet jaqblu ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-verzjoni inizjali li tat l-attrici lill-intimat TR, u cioe' li hija kellha *one night stand* ma' student, il-partijiet ma jaqblux dwar x'gara sussegwentement. Dan ghaliex l-intimat TR jikkontendi li wara li l-attrici qaltlu bit-tradiment (suppost ta' darba mal-istudent), hija ghamlet il-kalkoli taghha u waslet ghall-konkluzjoni li t-tarbija hija tieghu u assiguratu f'dan is-sens. Min-naha taghha, l-attrici tikkontendi li hija dejjem qalet lill-intimat li kien hemm possibilita' li t-tarbija mhijiex tieghu. Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li la l-attrici u lanqas l-intimat TR ma fattwalment kienu certi izda minkejja tali incertezza, l-intimat Thibaut ghadda biex jirrikonoxxi l-minuri bhala bintu. Ma jistax ma jigix rilevat li l-izball li ghamel l-intimat TR kien li halla tliet xhur mit-twelid tat-tarbija biex jaghmel it-testijiet ta' DNA (li saru minn wara dahar l-attrici), u jelimina kull dubju li kellu. Hu jikkontendi li halla tliet xhur zmien minhabba ragunijiet finanzjarji. Min-naha taghha, l-attrici, li ovvjament kienet taf li t-tqala taghha ma kienitx frott ta' *one night stand,* missha wkoll ikkonfermat il-paternita' tat-tarbija qabel ma tat il-kunsens taghha sabiex l-intimat TR jirrikonoxxi lill-istess tarbija.

L-intimat CD, ghalkemm debitament notifikat bil-kawza odjerna, baqa’ ma intavola ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f’dawn il-proceduri.

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, u cioe’ dik relatata man-nuqqas da parti tal-attrici li tintavola rikors appositu sabiex tkun mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri HB skond l-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors tal-attrici ta’ nhar l-20 ta’ Gunju 2012 kif ukoll ghad-Digriet ta’ din il-Qorti datat ukoll l-20 ta’ Gunju 2012, fejn tali talba giet milqugha u ghalhekk, din l-ewwel eccezzjoni giet survolata.

Illi dwar ir-raba’ eccezzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghan-nota kongunta tal-attrici u l-intimat CD u li permezz taghha indikaw li kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta’ DB biex il-minuri tibda tissejjah HDB;

Illi in vista tax-xhieda prodotta u in vista tad-*DNA test,* li ma jhalli ebda ombra ta’ dubju dwar il-paternita’ tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex ikun hemm korrezzjoni fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jirrifletti l-verita’.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-intimat TR m’huwiex il-missier naturali tal-minuri HRB, illum HB li twieldet fis-sitta (6) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008);
(2) Tiddikjara li l-intimat CD huwa l-missier naturali tal-minuri HRB, illum HB li twieldet fis-sitta (6) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008);
(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri HRB mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem ‘TR’ [Libramont- Chevigny Belgju] u minflok jinserixxi isem u kunjom ‘CD’, numru tal-karta tal-

identita’ numru 115485M, li kellu l-eta’ ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena fiz-zmien tat-twelid tal-minuri, bil-post tat-twelid Pieta’ u residenti l-Siggiewi, iben LC bil-konnotati tieghu inkluzi dawk id-dettalji dwar il-genituri tieghu;

(4) Tiddikjara illi l-minuri ser tassumi l-kunjom CB;

Bl-ispejjez kontra l-attrici u kontra l-konvenut CD fi kwoti ndaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------